

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Lulju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa — il-Latvja — SIA “Kuršu zeme” vs Valsts ieñemmu dienests**

(Kawża C-273/18)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħalla — Artikolu 168 — Katina ta' kunsinni ta' oġġetti — Ċaħda tad-dritt għat-tnaqqis minħabba l-eżistenza ta' din il-katina — Obbligu li l-awtorità tat-taxxa kompetenti tistabbilixxi l-eżistenza ta' prattika abbużza)

(2019/C 305/24)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SIA “Kuršu zeme”

Konvenut: Valsts ieñemmu dienests

**Dispożittiv**

L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emenda bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/45/UE tat-13 ta' Lulju 2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi miċħud id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imħalla, il-fatt li xiri ta' oġġetti seħħi fi tmiem katina ta' trażazzjonijiet ta' bejgħ suċċessiv bejn diversi persuni u li l-persuna taxxabbi daħlet fil-oġġetti kkonċernati fil-mahżeen ta' persuna li tifforma parti minn din il-katina, li ma hijiex il-persuna indikata bħala l-fornitru fuq il-fattura, ma huwiex fih innifsu suffiċċenti biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' prattika abbużza mill-persuna taxxabbi jew mill-persuni l-oħra involuti fl-imsemmija katina, sa fejn l-awtorità tat-taxxa kompetenti hija obbligata li tistabbilixxi l-eżistenza ta' vantaggħi fiskali indebitu li minnu bbenifikat din il-persuna taxxabbi, jew dawn il-persuni l-oħra.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 259, 23.07.2018

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Lulju 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-304/18)<sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Riżorsi propriji — Dazji doganali — Konstatazzjoni ta' dejn doganali — Iskrizzjoni f'kontabbiltà separata — Obbligu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' rkupru mibdija tard — Interessi moratorji)

(2019/C 305/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn Z. Malušková, M. Owsiany-Hornung u F. Tomat, sussegwentement minn Z. Malušková u F. Tomat, aġġenti)

*Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġġent, assistita minn G. Albenzio, avvocato dello Stato)*

### **Dispożittiv**

- 1) Billi rrifjutat li tqiegħed għad-dispożizzjoni riżorsi propri tradizzjonali li jammontaw għal EUR 2 120 309,50, indikati fl-avviż ta' nuqqas eż-żejjix IT(07)08-917, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE Euratom tal-31 ta' Ottubru 1994 dwar is-sistema ta' riżorsi propri tal-Komunità Ewropea, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi propri tal-Komunitajiet Ewropej, u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi propri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet, l-Artikoli 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728, u l-Artikoli 10, 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi propri tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbati tmenin fil-mija mill-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-ispejjeż tagħha stess.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati għoxrin fil-mija mill-ispejjeż tagħha stess.

(<sup>(1)</sup> ĠU C 221, 25.6.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Lulju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) — Ir-Renju Unit) — Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs vs The Chancellor, Masters and Scholars of the University of Cambridge**

(Kawża C-316/18) (<sup>(1)</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Spejjeż ta' ġestjoni ta' fond ta' dotazzjoni li jagħmel investimenti bil-għan li jiġu koperti spejjeż tat-tranżazzjonijiet tal-output kollha mwettqa mill-persuna taxxabbi — Spejjeż ġenerali)**

(2019/C 305/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs